

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 409/2012

tal-14 ta' Mejju 2012

li jissospendi ċerti miżuri restrittivi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 194/2008 li jġedded u jsaħħaħ il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/il-Mjanmar

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/225/PESK tas-26 ta' April 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/232/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2008 <sup>(2)</sup> jipprevedi għal ċerti miżuri, li jinkludu restrizzjonijiet fuq ċerti importazzjonijiet minn u esportazzjonijiet lejn Burma/il-Mjanmar, l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' ċerti individwi u entitajiet u restrizzjonijiet fuq l-iffinanzjar ta' ċerti intrapriżi.
- (2) Bi tweġiba għall-iżviluppi reċenti f'Burma/il-Mjanmar, id-Deċiżjoni 2012/225/PESK immodifikat id-Deċiżjoni 2010/232/PESK <sup>(3)</sup> sabiex tipprovdi għas-sospensjoni, sat-30 ta' April 2013, tal-miżuri restrittivi kollha ħlief l-embargo fuq l-armi u l-embargo fuq tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 194/2008 għandu għalhekk jiġi mmodifikat kif meħtieġ sabiex jissospendi l-biċċa l-kbira tal-miżuri restrittivi.

(4) Is-sospensjoni tal-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi għandha tiġi interpretata bħala li tippermetti r-rilaxx, mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti, ta' fondi u riżorsi ekonomiċi li kienu ffriżati skont ir-Regolament (KE) Nru 194/2008,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 2, 3, 5, 6, 7(3), 8, 9(2), 11, 12, 13 u 15(2)sa (8) tar-Regolament (KE) Nru 194/2008 għandhom jiġu sospiżi sat-30 ta' April 2013.

L-Artikolu 7(5) tar-Regolament (KE) Nru 194/2008 għandu jiġi sospiż sat-30 ta' April 2013 safejn dan jirreferi għall-Artikolu 7(3).

## Artikolu 2

Il-persuni elenkati fl-Anness għandhom jitneħħew mil-lista ta' persuni fil-Parti J tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 194/2008.

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

<sup>(1)</sup> ĠU L 115, 27.4.2012, p. 25.

<sup>(2)</sup> ĠU L 66, 10.3.2008, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 105, 27.4.2010, p. 22.

## ANNEX

**PERSUNI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2**

1. Thidar Zaw
  2. Pye Phyo Tay Za
  3. Ohn
  4. Shwe Shwe Lin
  5. Nan Than Htwe a.k.a Nan Than Htay
  6. Nang Lang Kham a.k.a. Nan Lan Khan
  7. Lo Hsing-han
  8. San San Kywe
  9. Nandar Hlaing
  10. Aye Aye Maw
  11. Nan Mauk Loung Sai a.k.a. Nang Mauk Lao Hsai
  12. Than Than Nwe
  13. Nay Soe
  14. Theint Theint Soe
  15. Sabai Myaing
  16. Htin Htut
  17. Htay Htay Khine (Khaing)
  18. Sandar Tun
  19. Aung Zaw Naing
  20. Mi Mi Khaing
  21. Moe Mya Mya
  22. Thurane Aung a.k.a. Christopher Aung, Thurein Aung
  23. Khin Phyone
  24. Nyunt Nyunt Oo
  25. Myint Myint Aye
  26. Min Thein a.k.a. Ko Pauk
  27. Tin Tin Latt
  28. Wut Yi Oo
  29. Captain Htun Zaw Win
  30. Yin Thu Aye
  31. Yi Phone Zaw
-